# Kuntatt

## ...mal-iskola t'ibnek





Għeżież ġenituri,

Xi karatteristiċi ewlenin li jiffurmaw dak l-istudent li jrid tassew jirnexxi fil-proċess edukattiv u wara fid-dinja tax-xogħol huma li fl-iskola jrid:

1. Dejjem iġib ruħu sew u b'manjieri tajbin
2. Juri interess fis-suġġetti, jikkonċentra u kapaċi jisma`
3. Jipparteċipa fil-lezzjonijiet
4. Jorganizza xogħlu pulit, iżommu nadif u ordnat
5. Jagħmel ħiltu biex jifhem is-suġġetti u jispiċċa x-xogħol li jingħatalu
6. Jippreżenta l-HW fil-ħin
7. Imur għal-lezzjonijiet fil-ħin
8. Jikkopja x-xogħol li jkun tilef meta kien ma jiflaħx
9. Jaf ir-regoli tal-iskola u jobdihom

Ir-riżultat immedjat ta` dawn huwa li l-istudent ikun jaf is-suġġetti tajjeb ħafna, ikun kapaċi jsib in-noti kollha li jkollu bżonn meta jiġi biex jagħmel reviżjoni għall-eżamijiet u m'għandniex xi ngħidu jġib riżultati tajbin.

Bla dubju wkoll li dawn l-istudenti jħossuhom iżjed li jiffurmaw parti mill-iskola. Għalhekk jiġu l-iskola għal qalbhom, kburin bl-uniformi tal-kulleġġ u jipparteċipaw minn jeddhom fl-attivitajiet kollha li l-iskola torganizza. B'dal-mod ikunu konfidenti, ikollhom sodisfazzjon f'dak kollu li jkunu qed jagħmlu u bl-aqwa ċans li jitgħallmu u jirnexxu.

Dil-bżulija u dan l-għaqal jissarrfu aktar 'il quddiem fi kwalifiki tajbin u f'xogħol imħallas tajjeb. Tbati ftit issa biex tgawdi wara. Mhu qed ngħid xejn ġdid u naf li kull ġenitur jixtieq il-ġid lil uliedu bid-diffikultajiet li jista' jkun hemm. Il-ġenituri, l-għalliema, tal-*guidance* u l-amministrazzjoni: inkunu nistgħu naħdmu lkoll flimkien biex niżviluppaw il-ħiliet li ż-żgħażagħ diġa' akkwistaw u ngħallmuhom ħiliet oħra li jista' jkollhom bżonn. Nassigurakom li lilna ser issibuna dejjem warajkom u li flimkien nistgħu nagħmlu dik id-differenza fiż-żgħażagħ li intom fdajtu f'idejna.

F'isem l-iStaff kollu nixtieq lilkom u l-familji tagħkom kollha l-Għid it-Tajjeb.

R. Portelli

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Editorjal – Wara l-Eżamijiet

Għaddew l-eżamijiet u wliedna għandhom f'idejhom ir-riżultati. Riżultati li jitfgħu dawl fuq l-andament tal-istudenti f'dan l-ewwel nofs tas-sena. L-iskop tal-eżamijiet huwa li wieħed jara d-dgħufijiet tiegħu u jipprova jirranġahom filwaqt li jenfasizza fuq dak li ħareġ tajjeb. L-istudenti ħadu r-riżultati tax-xogħol li għamlu matul dan l-ewwel nofs tas-sena. L-għalliema kollha ħadmu u stinkaw u ppreparaw lill-istudenti għall-eżamijiet. Imma madanakollu mhux l-istudenti kollha għamlu l-almu tagħhom.

Min mar tajjeb u kellu riżultati tajbin għandu jżomm saqajh mal-art u jibqa' jistinka biex iktar jimxi 'l quddiem. Min mar ħażin jew għadda bl-eżatt m'għandux jaqta' qalbu, imma għandu jagħmel moħħu hemm u jaħdem u jistudja iżjed biex b'hekk ftit xhur oħra jkun jista' jtejjeb il-marki li kiseb issa.

Ta' min wieħed jinnota li l-istudju ma jsirx biss fil-jiem ta' qabel l-eżami, imma hemm bżonn li jsir matul is-sena kollha.  Ma jistax ikun li wieħed jaħli l-ħin quddiem il-kompjuter jiċċettja fuq l-internet jew jilgħab il-logħob. Aħna f'ħajjitna l-ħin kollu rridu niffaċċjaw l-eżamijiet u jgħidu x'jgħidu dawn huma importanti.


| | |
|---|---|
| Bord Editorjali: | G. Micallef (Asst. Kap), D. Bezzina, P. Callus, L. Deguara, A. Dimech, A. Galea, R. Portelli, A.Vella |
| Issettjar: | P. Callus |


Żewġ gruppi ta' ġenituri qed jattendu għall-kors bażiku fil-kompjuter. Dan qed ikun immexxi mill-ex Uffiċjal Edukattiv is-Sinjorina Josephine Saliba.

Kull min jixtieq jakkwista kopja tad-DVD marbut maċ-Ċelebrazzjoni ta' fidi fl-okkażjoni tas-sena Pawlina li saret fit-23 ta' Jannar, jista' jagħmel dan billi jiġbor kopja mill-iskola. Il-prezz hu ta' €4. Hemm prezz speċjali ta' €6 għal min irid jixtri kopja tad-DVD flimkien ma' CD bir-ritratti. Għal aktar tagħrif tistgħu tikkuntattjaw lill-Kap tal-Iskola.

F’dan iż-żmien tar-Randan, jiġu organizzati l-ezerċizzji għall-istudenti kollha tal-Kulleġġ San Benedittu – Skola Sekondarja Subien. Dan isir biex igħin lill-istudenti jitjiebu fil-maturita’ spiritwali u fil-ħajja prattika reliġjuża tagħhom.

Fr. Eric Overend għamel l-ezerċizzji għall-Forms 2 u 3 f’żewġ ġimgħat differenti. Huwa semma’ diversi aspetti tal-fidi tagħna fil-ħajja ta’ kuljum. Fost l-oħrajn, semma’ kif wieħed għandu jdaħħal it-tama f’Alla fil-mixja tal-ħajja; u kif wiehed għandu jkun responsabbli u juri r-rispett kemm lejn l-oħrajn, kif ukoll lilu nnifsu, u fuq kollox ir-rispett lejn Alla. Fr. Overend fisser it-talba tal-Missierna - talba li minkejja li għandha elfejn sena, għadha relevanti għaż-żmien li qegħdin ngħixu fih. L-Eżerċizzji ġew fi tmiemhom b’quddiesa  mmexxija minn Fr. Overend.

Saru l-Eżerċizzji tal-Forms 1, 4 u 5 immexxija minn Fr. David Farrugia, Fr. Joe Caruana u s-Superjur tal-Mużew Marjoe Cassar rispettivament. Fl-Eżerċizzji li tal-Forms 4 u 5 sa jiġi l-grupp ACTS, grupp li jxandar il-kelma ta’ Alla fl-iskejjel b’mod volontarju.

Dawn l-eżerċizzji kollha jilħqu l-qofol tagħhom f’Jum id-Duluri meta ser tigi ċċelebrata quddiesa fil-knisja taż-Żurrieq.

Ta’ min isemmi wkoll li għadd ta’ studenti mal-għalliema Romina Bugeja Muscat qegħdin iħejju mejda tal-appostli, magħmula fil-biċċa l-kbira tagħha minn oġġetti riċiklati. L-istudenti sa jkollhom ukoll l-opportunità ta’ ħarġa nhar it-Tnejn ta’ qabel il-Gimgħa l-Kbira fejn sa jaraw diversi mwejjed tal-appostli li sa jkunu armati għall-okkazjoni matul it-toroq tal-Birgu.

Dawn l-attivitajiet extra-kurrikulari, kemm ġewwa u lil hinn mill-iskola, jgħinu lill-istudenti biex ikattru l-aspett reliġjuż f’ħajjithom u jorbtu dak li jitgħallmu f’dawn l-attivitajiet ma’ dak li jitgħallmu fil-lezzjonijiet tar-Reliġjon.

# KALENDARJU 2008

## *Marzu*

2-6 – Esperjenza ta' xogħol għall-Form 5
2-6 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 3
9-12 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 2
13 - Jum il-Ġenituri
17 – Sports Day għall-Form 1 u 2
19 - Vaganza Pubblika
20 - Sports Day għall-Form 3, 4 u 5
23-27 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 1
24-26 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 4
27-30 *Live in* għall-Form 5
31 - Vaganza Pubblika



## *April*

1 – Acts: Attività tar-Randan għall-Form 4
1 – Ċelebrazzjoni ta' Għeluq l-esperjenza ta' xogħol għall-istudenti tal-Form 5 (filgħaxija)
3 – Quddiesa tad-Duluri
8-15 – Vaganzi tal-Għid
16 – Bidu tat-tielet term
21-24 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2)
24 - Jeans Day



# UFFIĊJALI 2009

## *Mejju*

1 - Vaganza Pubblika
7 – Jum il-Premjazzjoni
18-22 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2) (it-tieni parti)
20-24 – Assessjar (it-tielet term)
21 – Ġurnata ta' taħriġ għall-għalliema
27, 28 - Laqgħa għall-ġenituri tal-Form 4: L-Eżamijiet tas-SEC u l-Adoloxxenza

## *Ġunju*



1 – Bidu tan-nofstanhari
16-26 – Eżamijiet Annwali





## Ġimgħa importanti għall-istudenti tal-ħames sena

Ħamest ijiem kollox, imma żgur li għall-istudenti tal-ħames sena kienu esperjenza li se jibqgħu jiftakruha. L-istudenti bħala parti mill-istudju tagħhom, għandhom is-suġġett tal-*Career Studies*. L-għan tiegħu hu li jħejji lill-istudenti għar-realtà tad-dinja tax-xogħol. Minbarra l-lezzjonijiet, l-istudenti jkollhom sessjonijiet ta' guidance, żjarat ta' orjentazzjoni, l-opportunità ta' użu ta' programm tal-kompjuter li jgħinhom jagħżlu karriera li tkun tajba għalihom u diskors informali li jsir fil-familja. Dan kollu jikkonkretizza ruħu permezz ta' ġimgħa esperjenza fuq xi post tax-xogħol.  Din il-ġimgħa seħħet fl-ewwel jiem ta' Marzu. L-għanijiet prinċipali kienu:-

- opportunità biex l-istudenti jirriflettu fuq ir-realtà tad-dinja tax-xogħol;
- ikabbru l-għarfien ta' numru ikbar ta' karrieri;
- isiru jafu iżjed lilhom infushom;
- preparazzjoni għar-realtà ta' wara l-edukazzjoni obbligatorja.



B'kollox instabu tmintax-il kumpanija li kienu lesti li jieħdu lil dawn l-istudenti.  Dawn il-kumpaniji offrew xogħlijiet li kienu jvarjaw minn xogħol fl-agrikoltura, f'uffiċini, manutenzjoni, f'lukanda, fix-xandir, fl-imħażen u xogħol mal-anzjani.  Tul din il-ġimgħa numru ta' għalliema flimkien ma' membri mill-amministrazzjoni marru diversi drabi biex jaraw kif kienu sejrin. Numru ta' studenti kellhom iqumu kmieni ħafna, għax kienu jibdew xogħol fis-sitta u nofs ta' filgħodu.  Kollha kellhom jaħsbu huma biex jaslu fil-ħin għax-xogħol.  Numru minnhom kellhom jaqbdu żewġ karozzi tal-linja.



Xi wħud minnhom beżgħu minn din l-esperjenza. Ħasbu li mhux se jkunu kapaċi, ħsieb li malajr neħħewh wara li għelbu l-mistħija tal-ewwel ġurnata.  Xi wħud minnhom ħalbu l-baqar, oħrajn indilku dilka żejt tal-magni, oħrajn ippreparaw l-ikel għall-anzjani, waqt li oħrajn kienu qishom diretturi ġo xi uffiċċju jew fir-*reception* tal-lukanda.  Kien hemm min ħasel il-platti u oħrajn li ġarrew il-kaxxi, waqt li oħrajn kitbu l-aħbarijiet jew intilfu qalb il-kotba tal-biblijoteka.  Imbagħad xi ngħidu għall-ġenituri.



Ma setax jonqos il-preokkupazzjoni tagħhom. Min jaf kemm mistoqsijiet għaddew minn moħħhom, għax din kienet esperjenza ġdida għalihom. U mhux biss għalihom. Anke għalina l-għalliema kienet esperjenza importanti. Rajna x'inhi r-realtà tal-postijiet tax-xogħol li huma differenti mill-ambjent tal-iskola. Biss rajna affarijiet oħra wkoll. Rajna żgħażagħ responsabbli, b'ħeġġa li ssorprendiet lilna li ħsibna li konna nafuhom sew. Rajna żgħażagħ li kienu lesti jitgħallmu u li jaħdmu ma' oħrajn li kienu ilhom li telqu minn fuq il-bank tal-iskola. Rajna ħaddiema li saru għalliema u li b'dedikazzjoni ħadu ħsieb lill-istudenti. Żgur li din ma kinetx esperjenza biss għal dawn l-istudenti imma esperjenza għal ħafna oħrajn. Il-ġimgħa għaddiet u niżżu ħajr lil Alla li ħalliet warajha ħafna esperjenzi edukattivi.









Kull nhar ta' Ħamis, fil-Kulleġġ San Alwiġi, qed isir taħriġ fil-logħba tal-*badminton*. It-taħriġ qed ikun wara l-iskola u mingħajr ħlas.

## *Rappreżentanti tal-iskola tagħna f'Ċipru*

Matul l-ewwel ġimga ta' Marzu, grupp ta' żewġ għalliema u erba' studenti mill-iskola tagħna żaru l-gżira ta' Ċipru bħala parti mill-Proġett Comenius. F'dan il-proġett, ***Endemic and Indigenous Species and their Protection***, flimkien mal-iskola tagħna qed jipparteċipaw żewġ skejjel oħra minn Ċipru u l-Italja.

L-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett saret f'Malta f'Diċembru li għadda u matulha l-għalliema tal-Comenius tat-tliet pajjiżi involuti fasslu pjan ta' attivitajiet għal matul is-sentejn li ġejjin. L-għan ewlieni taż-żjara f'Ċipru kien li t-tliet skejjel involuti jippreżentaw ix-xogħol ta' riċerka li ngħabar s'issa dwar l-ispeċi endemiċi tal-pajjiżi rispettivi tagħhom. Dan ix-xogħol ta' riċerka ntwera permezz ta' *powerpoint presentations* b'informazzjoni u ritratti ta' dawn il-pjanti. Żorna diversi postijiet relatati ma' dan il-proġett, fosthom iċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali ta' Akrotiri u l-Muntanji Troodos, kif ukoll inżergħu numru ta' pjanti endemiċi.



Matul iż-żjara f'Ċipru l-għalliema involuti setgħu josservaw is-sistema edukattiva ta' din l-iskola privata f'Limassol, li kif spjegat il-kap ta' din l-iskola, hija sistema li x'aktarx se tibda tintuża wkoll fl-iskejjel tal-gvern. Din l-iskola privata għandha żewġ skejjel oħra f'Ċipru, fosthom dik fil-kapitali Nicosia, li wkoll kellna l-opportunità li nżuruha. Hemmhekk kellna laqgħa mal-Kummissarju għall-Ambjent, is-Sur Theopemptou, li fost oħrajn tkellem dwar problemi ambjentali, fosthom il-bidla fil-klima, u ta wkoll xi modi prattiċi kif wieħed jista' jipproteġi l-ambjent.

Matul dawn l-erbat ijiem żorna wkoll xi postijiet ta' interess storiku, fosthom il-Green Line fil-belt ta' Nicosia, li kien bħal ħajt storiku li kien jifred in-naħa Ċiprijotta u dik Torka f'din il-belt kapitali. Għalkemm simbolikament dan il-ħajt twaqqa', għadha tinħass xi ftit tat-tensjoni bejn iż-żewġ partijiet. Żorna wkoll is-siti storiċi ta' Paphos, fejn rajna l-oqbra tar-rejiet, kif ukoll villa Griega li fiha ħafna mużajk.

Iż-żjara li jmiss se ssir fi Gravina, l-Italja, fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju, u matulha l-parteċipanti se jippreżentaw ir-riċerka tagħhom dwar il-pjanti indiġeni ta' pajjiżhom.

Il-Kumitat tal-Comenius